**L-Ipproċessar tad-Data Personali**

L-applikanti jagħrfu u jaċċettaw li sabiex jirċievu l-benefiċċji li qed jabbonaw għalihom, kif ukoll kwalunkwe servizz anċillari jew addizzjonali, Aġenzija Sapport ("l-Aġenzija") teħtieġ tipproċessa d-data personali tagħhom. Dan jista' jinvolvi l-ipproċessar ta' kategoriji speċifiċi tad-data personali, inkluż, iżda mhux limitat għal, informazzjoni dwar is-saħħa u d-diżabilitajiet tal-applikanti. L-applikanti jagħrfu wkoll li, mingħajr din id-data, l-Aġenzija ma tistax tipproċedi bl-applikazzjoni tagħhom jew twettaq kwalunkwe azzjoni oħra kif speċifikat fil-formola tal-applikazzjoni.

Barra dan, l-applikanti jifhmu li, skont il-liġi, l-Aġenzija tista' tivverifika l-informazzjoni kollha sottomessa mal-applikazzjoni, kif ukoll kwalunkwe dokumentazzjoni provduta sussegwentament jew rappreżentazzjonijiet, inkluż għall-iskop li jiġu assessjati l-kompletezza u l-preċiżjoni tagħhom. Din il-verifikazzjoni tista' ssir ma' informazzjoni li l-Aġenzija diġà għandha jew billi titlob data minn awtoritajiet governattivi oħra, entitajiet pubbliċi, jew organizzazzjonijiet mhux governattivi rikonoxxuti biex tipprevjeni u tiskopri frodi jew tiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli. Din l-informazzjoni tista' wkoll tiġi konsultata biex jiġi determinat jekk bħalissa l-applikanti humiex jirċievu, jew bi kwalunkwe mod qed jibbenifikaw minn, sapport jew assistenza taħt kwalunkwe skema oħra jew programm ta' benefiċċji, inkluż iżda mhux limitati għal-Iskema ta' Għajxien Indipendenti (ICL) jew l-Iskema tal-Assistenza tal-Baġits Personali (PBAS).

Barra minn hekk, l-applikanti jagħrfu li ċerta informazzjoni anonimizzata, li ma tistax tintuża biex tidentifikahom, tista' tiġi pproċessata għal finijiet ta' statistika u riċerka.

**Miżuri tas-Sigurtà**

L-Aġenzija tintrabat li żżomm sigura d-data personali kollha u tippreserva u tħares il-kunfidenzjalità u l-integrità tagħha. Tadotta approċċ ta' kontroll tal-aċċess ibbażat fuq id-drittijiet għall-bażi tad-data elettronika tagħha, filwaqt li fajls fiżiċi jinżammu f'post sigur fi ħdan it-taqsimiet rispettivi. Il-proċessi

interni huma mfassla biex jiżguraw li tiġi pproċessata biss id-data meħtieġa sabiex jiġi sodisfatt l-objettiv imfittex. Il-professjonisti u l-impjegati l-oħra kollha tal-Aġenzija huma suġġetti għal segretezza professjonali.

**Żamma tad-Data**

L-informazzjoni personali miżmuma mill-Aġenzija hija essenzjali għall-evalwazzjoni tas-sottomissjoni ta' kull applikant(a) u biex jiġi żgurat li l-applikanti approvati jirċievu l-ammonti ta' benefiċċju korretti. Għaldaqstant, l-Aġenzija żżomm din l-informazzjoni hekk kif ġej, sakemm ċirkostanzi speċifiċi ma jeħtiġux perjodu ta' żamma itwal: għal applikazzjonijiet irrifjutati, id-data tinżamm għal tliet (3) snin mid-data tal-applikazzjoni, u għal applikazzjonijiet approvati, għal tliet (3) snin mid-data meta tkun riċevuta l-applikazzjoni jew id-data tal-pagament, kif applikabbli għall-iskema pertinenti.

**Ekwità u Trasparenza**

Applikanti, benefiċjarji, u individwi oħrajn li dwarhom l-Aġenzija jista' jkollha informazzjoni personali jistgħu jitolbu li jkunu infurmati dwar liema informazzjoni dwarhom tinżamm mill-Aġenzija, biex jaċċessaw tali informazzjoni, u biex jiksbu informazzjoni oħra dwar kif dik l-informazzjoni qed tiġi pproċessata. Tista' ssir ukoll talba biex tiġi rettifikata informazzjoni fattwalment żbaljata jew talba li titħassar informazzjoni miżmuma b'mod illegali. Tista' ssir ukoll talba biex jiġi ristrett l-użu tad-data personali għal raġunijiet speċifiċi ġġustifikati mil-liġi.

Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi indirizzata lill-**Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data** tal-Aġenzija, li jista' jiġi kkuntattjat mill-kanali li ġejjin:


Indirizz: Aġenzija Sapport, Triq Patri Ġwann Azzopardi, Santa Venera SVR 1614

Telefown: +356 2256 8000

Email: dpo.sapport@gov.mt


Dawn id-drittijiet jistgħu jiġu ristretti għal dawk ir-raġunijiet permessi mil-liġi skont iċ-ċirkostanzi.

Informazzjoni oħra dwar it-tip ta' data personali pproċessata mill-Aġenzija, inkluża kif l-informazzjoni hija pproċessata, għal liema finijiet, u għal kemm żmien għandha tinżamm tali data, hija ddettaljata fil-Politika dwar il-Protezzjoni tad-Data u r-Rekords tal-Aġenzija, li hija disponibbli fuq is-sit tagħha, https://sapport.gov.mt/.